7 ta' Novembru, 1951.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

**Teresa Vassallo *versus* Giovanni Zerafa**

**Appell — Kontumaċja.**

*Il-kontumaċja quddiem il-Qorti ma hix ġustifikata meta hemm l-evidenti negliġenza ta' l-imħarrek jew tad-difensur tiegħu; għaliex il-kontumaċja kolpuża mhix skużabili.*

*L-istess konsiderazzjoni hija applikabili meta l-kontumaċja hija dovuta għall-iskrivan tad-difensur, li għandu, u flok għand id-difensur, l-imħarrek ikun mar bies ikollu min jiddefendih.*

Fuq it-talba ta' l-attriċi għall-kundanna tal-konvenut sabiex iħallas is-somma ta' £10 lilha, ta' danni li hu għamlilha fl-għalqa tagħha, bl-ispejjeż, il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta, b'sentenza tas-6 ta' Ġunju 1951, laqgħet it-talba bl-ispejjeż, billi għan-nota tal-mistoqsijiet ta' l-attriċi l-konvenut naqas u ma deherx, u għalhekk il-mistoqsijiet ġew meħuda b'mistqarra;

B'nota ta' l-appell il-konvenut appella minn dik is-sentenza, u b'ċitazzjoni talab ir-revoka tas-sentenza fuq imsemmija, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi;

Il-Qorti semgħet bil-ġurament l-appellant, rat l-attijiet tal-kawża u semgħet l-avukati;

Fuq il-kontumaċja għan-nota tal-mistoqsijiet l-appellant xehed li dak in-nhar tal-kawża mar il-Qorti jfittex lill-Prokuratur Legali Alberto Mizzi biex iqabbdu jiddefendih, sab lill-iskrivan ta' dak Mizzi, tah l-avviż, u qagħad jistenna, fil-waqt li l-iskrivan kien qiegħed jitkellem ma' ħadd ieħor; u wara li dam ċertu żmien u kien sama' l-kawżi tal-Pulizija jsejħu, attira l-attenzjoni lil dak l-iskrivan li kien sar il-ħin, u x'ħin marru l-Qorti Ċivili Inferjuri, sab li l-kawża kienet issejħet u nqatgħet. Huwa kien jaf li kellu jidher fid-9 a.m., iżda qagħad jistenna fil-Kamra tal-Prokuraturi Legali ħdejn dak l-iskrivan, u lil P.L. Mizzi ma rahx, u lanqas kien sabu hawn il-lejl;

Din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Mejju 1943, in re "Gaetano Merciecа vs. Michele Mifsud", qalet:— "Illi ġie kostantement deċiż minn din il-Qorti illi l-kontumaċja ma tkunx ġustifikata meta hemm l-evidenti traskuraġini jew negliġenza ta' l-appellant jew tad-difensur tiegħu, għaliex il-kontumaċja kolpuża ma hix skużabbli" (Kollez. XXXI, P. I, sez. III, p. 740). L-istess konsiderazzjoni hija applikabbli għall-każ meta l-kontumaċja hija dovuta għal ħtija ta' l-iskrivan tad-difensur, li għandu u f'lok għand id-difensur ikun irrikorra l-appellant; għax tirrikorri l-istess raġuni. Fil-każ preżenti, l-appellant stess kellu ħtija, għax kien jaf li kellu jidher il-Qorti fid-9 a.m., u b'dan kollu baqa' jistenna banda oħra u ħalla ż-żmien jgħaddi, b'mod li għall-kawża wasal tard. Għalhekk il-kontumaċja tiegħu ma ġietx ġustifikata; u l-mistoqsijiet jibqgħu meħuda b'mistqarra, b'mod li kontra l-appellant tibqa' l-aqwa prova, li hi l-konfessjoni, li tiġġustifika t-talba ta' l-attriċi;

Għal dawn ir-raġunijiet tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellant.